



ADDENDUM

għall-Gwida tal-Programm 2007

24 ta' Jannar 2007 – D830

Din l-addendum għall-Gwida tal-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni hi valida mill-1 ta' Jannar 2007.

Kapitolu B: L-implimentazzjoni tal-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni

Il-Pajjiżi tal-Programm u l-Pajjiżi Msieħba

Speċifikazzjoni dwar l-eliġibilità "Pajjiżi Msieħba oħra fid-dinja" taħt l-Azzjoni 2 u 3.2

Dawn li ġejjin "Pajjiżi Msieħba oħra fid-dinja" huma eliġibbli taħt l-Azzjoni 2 u s-sotto-Azzjoni 3.2 tal-Programm:

L-Afganistan	Il-Gana	Il-Perù
L-Angola	Grenada	Il-Filippini
Antigwa u Barbuda	Il-Gwatemala	Ir-Rwanda
L-Arġentina	Ir-Repubblika tal-Ginea	Saint Kitts u Nevis
Il-Baħamas	Il-Ginea-Bissaw	Santa Luċija
Il-Bangladexx	Il-Gujana	Saint-Vincent u l-Grenadines
Il-Barbados	Ħaiti	Samoa
Il-Beliże	Il-Ħonduras	Sao Tome u Prinċipe
Il-Benin	L-Indja	Is-Senegal
Il-Bolivja	L-Indonezja	Is-Seychelles
Il-Botswana	Il-Kosta ta' l-Avorju	Sierra Leone
Il-Brażil	Il-Ġamajka	Il-Gżejjer Solomon
Il-Brunej	Il-Każakstan	L-Afrika t'Isfel
Burkina Faso	Il-Kenja	Is-Sudan
Il-Burundi	Il-Kiribati	Is-Surinam
Il-Kambodja	Il-Kirgizstan	Is-Sważiland
Il-Kamerun	Il-Laos	It-Tanzanija
Kap Verde	Il-Lesoto	It-Tajlandja
Ir-Repubblika Ċentrali Afrikana	Il-Liberja	It-Togo
l-Ċad	Il-Madagaskar	Tonga
l-Ċili	Il-Malawi	Trinidad u Tobago
l-Ċina	Il-Malażja	Tuvalu
Il-Kolombja	Il-Mali	L-Uganda
Il-Komoros	Il-Gżejjer Marshall	L-Urugwaj
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	Il-Mawritanja	L-Uzbekistan
Ir-Repubblika tal-Kongo	Il-Mawrizju	Il-Vanwatu
Il-Gżejjer Cook	Il-Messiku	Il-Venezwela
Il-Kosta Rika	Il-Mikronesja	Il-Vjetnam
Il-Ġibuti	Il-Możambik	Il-Jemen
Id-Dominika	In-Namibja	Iż-Żambja
Ir-Repubblika Domenikana	In-Nauru	Iż-Żimbabwe
It-Timor tal-Lvant	In-Nepal	
L-Ekwador	In-Nikaragwa	
El Salvador	In-Niġer	

Il-Ginea Ekwatorjali	In-Niġerja	
L-Eritrea	Niue	
L-Etjopja	Il-Palaw	
Il-Fiġi	Il-Panama	
Il-Gabon	Il-Papwa Ginea Ġdida	
Il-Gambja	Il-Paragwaj	

Il-proċeduri ġenerali għas-selezzjoni – limiti taż-żmien ta' applikazzjoni

Speċifikazzjoni dwar id-data tal-bidu tal-proġett taħt il-limitu taż-żmien ta' 1 ta' Frar 2007

Għal proġetti ppreżentati lill-Aġenzija Eżekuttiva għal-limitu taż-żmien ta' applikazzjoni ta' 1 ta' Frar 2007, id-data tal-bidu tal-proġett l-aktar fis possibbli b'mod eċċezzjonali mhix l-1 ta' Lulju, iżda l-1 ta' Ġunju 2007. Din il-miżura tranżitorja tapplika biss għal dan l-ewwel limitu taż-żmien tal-Programm il-ġdid Żgħażaġħ fl-Azzjoni. Din ittiegħdet biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proġett mill-aktar fis possibbli permezz ta' din il-proċedura ta' selezzjoni u dan hu minħabba l-fatt li ma kienx hemm limitu ta' żmien ta' applikazzjoni fil-livell ċentralizzat fl-1 ta' Novembru 2006.

Ir-regoli finanzjarji ġenerali

Speċifikazzjoni dwar il-prova tal-kapaċità finanzjarja għal talba ta' sussidju ta' aktar minn 25,000 EUR

Skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-organizzazzjonijiet kollha li japplikaw – bl-eċċezzjoni ta' l-entitajiet pubbliċi – li jitolbu finanzjament Komunitarju li jaqbeż il-25,000 EUR għandhom jippreżentaw dawn id-dokumenti finanzjarji li ġejjin:

- il-kont tal-qligħ u t-telf ta' l-organizzazzjoni li qed tapplika u
- il-karta tal-bilanċ ta' l-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ingħalqu.

L-għan hu li tkun possibbli valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja ta' l-organizzazzjonijiet li qed japplikaw.

Għal proġetti ppreżentati lill-Aġenzija Eżekuttiva fi Brussell, il-kont tal-qligħ u t-telf kif ukoll il-karta tal-bilanċ għandhom jitressqu flimkien mal-formola ta' l-applikazzjoni. Għal proġetti ppreżentati lill-Aġenziji Nazzjonali, dawn id-dokumenti ta' evidenza jitressqu fuq talba ta' l-Aġenzija Nazzjonali rispettiva darba biss meta tittiegħed deċiżjoni pożittiva ta' attribuzzjoni.

Jekk jogħġbok innota li ma teżistix formola speċifika biex tiġi ppreżentata l-informazzjoni deskritta hawn fuq.

Jekk, abbażi tad-dokumenti ppreżentati, jiġi konkluż li l-kapaċità finanzjarja meħtieġa ma kinitx ipprovata jew mhix sodisfaċenti, l-Aġenzija Eżekuttiva jew l-Aġenzija Nazzjonali tista':

- titlob aktar informazzjoni;
- teżiġi garanzija bankarja;
- toffri ftehim ta' għotja ta' flus mingħajr finanzjament bil-quddiem;
- tirrifjuta l-applikazzjoni.

Kapitolu D: Azzjoni 2 – Is-servizz Volontarju Ewropew

L-akkreditazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-EVS

Speċifikazzjoni dwar l-applikazzjoni progressiva relatata ma' l-akkreditament ta' l-organizzazzjonijiet ta' koordinament u ta' ibgħit

Il-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet ta' koordinament u ta' ibgħit ibbażati f'Pajjiżi tal-Programm u f'pajjiżi ta' l-Ewropa tax-Xlokk biex jiġu akkreditati, hi kriterju ta' eliġibiltà għall-applikazzjonijiet ta' għotja ta' flus ippreżentati fil-limitu taż-żmien ta' l-applikazzjoni ta' l-1 ta' Settembru 2007. Din l-applikazzjoni progressiva tar-reqwiżit il-ġdid ta' akkreditament għall-organizzazzjonijiet ta' koordinament u ta' ibgħit ma tikkonċernax lill-organizzazzjonijiet ospitanti. L-organizzazzjonijiet ospitanti bbażati f'Pajjiżi tal-Programm u f'pajjiżi ta' l-Ewropa tax-Xlokk għandhom jiġu akkreditati bħas-soltu qabel ma jippreżentaw applikazzjoni għal għotja ta' flus.

L-ippjanar, il-preparazzjoni, it-taħriġ, l-appoġġ u s-segwitu

Speċifikazzjoni dwar is-sessjonijiet volontarji ta' taħriġ

Bħala regola, il-voluntiera għandhom jieħdu sehem fit-taħriġ organizzat mill-Aġenzija Nazzjonali/miċ-Ċentru għar-Riżorsi tas-SALTO SEE bħala regola fil-Pajjiżi tal-Programm u fil-pajjiżi ta' l-Ewropa tax-Xlokk (SEE). Konsegwentement, l-Aġenzija Nazzjonali ma jagħtu ebda għajna lil dak it-taħriġ li jsir f'pajjiżi koperti mill-offerta għal taħriġ ta' l-Aġenzija Nazzjonali jew taċ-Ċentri għar-Riżorsi tas-SALTO SEE. Sessjonijiet ta' taħriġ fil-Pajjiżi Msieħba kollha (minbarra l-pajjiżi ta' l-SEE) huma ffinanzjati mill-għotja ta' flus tal-proġett. It-taħriġ volontarju kollu għandu jirrispetta l-istandards tat-taħriġ volontarju u l-linji gwida minimi tal-Kummissjoni. Il-valutazzjoni finali għandha ssir fil-pajjiż fejn l-organizzazzjoni ta' ibgħit hi bbażata. Eċċezzjonijiet minn din ir-regola jistgħu jiġu awtorizzati mill-Aġenzija Nazzjonali/miċ-Ċentru għar-Riżorsi tas-SALTO SEE jekk meħtieġa minħabba sitwazzjoni speċifika f'pajjiż partikulari u/jew iġġustifikati b'mod korrett mill-applikant.

Kif tapplika?

Speċifikazzjoni fil-paragrafu “L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Nazzjonali”

Aġenzija Nazzjonali tappoġġa biss dawk il-proġetti, li jirrispettaw il-kriterji ta' l-EVS, li għandhom rabta ċara mal-pajjiż fejn l-Aġenzija Nazzjonali hi bbażata. L-organizzazzjoni ta' koordinament (l-applikant) hi bbażata fil-pajjiż ta' l-Aġenzija Nazzjonali u barra minn hekk:

- jew l-organizzazzjonijiet kollha ta' ibgħit fil-proġett huma bbażati fil-pajjiż ta' l-Aġenzija Nazzjonali, jew inkella
- l-organizzazzjonijiet ospitanti kollha fil-proġett huma bbażati fil-pajjiż ta' l-Aġenzija Nazzjonali.

Kif inhi ffinanzjata l-attività?

Speċifikazzjoni fil-paragrafu “Kif inhi ffinanzjata l-attività?”

Għall-proġetti kollha ta' l-EVS introdotti lill-Aġenzija Nazzjonali u li jdumu 6-24 xahar il-pagament ta' l-għotja tal-flus għandu jsir fi tliet pagamenti: 40/30/30%. Wara l-pagament ta' finanzjament bil-quddiem ta' 40%, isir pagament intermedjarju ta' 30% wara li jintbagħat ir-rapport dwar il-progress. Il-bilanċ tal-pagament isir malli jasal ir-rapport finali. Eċċezzjoni għar-regola 40/30/30 imsemmija hawn fuq tista' tingħata lill-proġetti li jdumu bejn 6-24 xahar, jekk il-voluntiera kollha huma identifikati fil-livell ta' l-applikazzjoni u t-tabella bid-dettalji tal-voluntiera hi ppreżentata flimkien ma' l-applikazzjoni (ara l-formola ta' applikazzjoni). F'dan il-każ jiġi awtorizzat pagament ta' finanzjament bil-quddiem ta' 70% segwit b'pagament ta' bilanċ. Xorta waħda jkun għadu meħtieġ rapport dwar il-progress. Jekk il-proġett hu iqsar minn 6 xhur, pagament ta' finanzjament bil-quddiem ta' 70% u pagament ta' bilanċ huma r-regola u ebda rapport dwar il-progress mhu meħtieġ.

X'inhuma l-obbligi kuntrattwali?

Speċifikazzjoni fil-paragrafu “Ftehim ta' Attività”

Il-formola ta' applikazzjoni għandha fiha r-reqwiżiti minimi għal Ftehim ta' Attività u tabella biex fiha jitniżżlu d-dettalji tal-voluntiera. Il-Ftehim ta' Attività hu ffirmat mill-organizzazzjonijiet imsieħba kollha u mill-voluntiera involuti f'attività. Kopja ffirmata tal-Ftehim ta' Attività tingħata lill-organizzazzjonijiet imsieħba kollha u lill-voluntiera involuti fl-attività. It-tabella bid-dettalji tal-voluntiera hi parti mill-Ftehim ta' Attività. Għandha tintbagħat biss din it-tabella mimlija lill-Aġenzija li tagħti s-sussidju u lill-Aġenziji l-oħra kkonċernati mill-attività, possibbilment ta' l-anqas xahrejn qabel ma tinbeda l-attività. Din tippermetti lill-Aġenziji biex jippjanaw aħjar is-sessjonijiet volontarji ta' taħriġ. Il-ftehim jorbot lill-organizzazzjonijiet imsieħba kollha u lill-voluntiera involuti fl-attività. F'każ ta' modifiki sostanzjali, ikollu jiġi ffirmat ftehim ġdid u għandu jintbagħat lill-Aġenziji bħala informazzjoni l-aġġornament tat-tabella bid-dettalji tal-voluntiera.

Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament

Speċifikazzjoni fit-tabella "Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament"

Għall-proġetti individwali jew fi grupp ta' l-EVS mibgħuta lill-Aġenzija Eżekuttiva fi Brussell, l-ammonti ta' l-għotja Komunitarja ta' flus li għandhom japplikaw huma dawk speċifikati fit-tabella "Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament".

Kapitolu E: Azzjoni 3.1 – Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien ta' l-Unjoni Ewropea

Kif tapplika?

Speċifikazzjoni fil-paragrafu "Kif tapplika?"

L-applikazzjonijiet kollha għal għotja fl-Azzjoni 3 huma mmaniġġjati skond il-prinċipju: "applikazzjoni waħda – proġett wieħed", jiġifieri organizzazzjoni ta' koordinament tapplika f'isem il-partenarjat għal kull proġett (anki għall-iskambji bilaterali jew trilaterali ta' żgħażaġħ).

Kif jiġu ffinanzjati l-attivitajiet?

Speċifikazzjoni fil-paragrafu "Kif inhum ffinanzjati l-attivitajiet?"

Peress li m'hemmx Aġenziji Nazzjonali fil-Pajjiżi Msieħba, il-mekkaniżmu ta' finanzjament isseparat – b'applikazzjonijiet distinti min-naħa ta' min jibgħat u ta' min jospita - għall-iskambji bilaterali u trilaterali ta' żgħażaġħ previst fl-Azzjoni 1.1 mhux applikabbli taħt l-Azzjoni 3.1. Minflok, organizzazzjoni waħda ta' koordinament tapplika f'isem il-partenarjat għal kull proġett.

Kapitolu F: Azzjoni 4.3 – It-Taħriġ u n-*Networking* ta' dawk attivi fix-xogħol u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ

X' inhum l-kriterji ta' l-eliġibilità?

Speċifikazzjoni fil-paragrafu "Post"

L-eċċezzjoni prevista għal proġetti ta' *networking* hi estiża għall-Organizzazzjonijiet Non-Governattivi (ENGOS) li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tal-proġett tagħhom lill-Aġenzija Eżekuttiva fi Brussell.

Il-proġetti ppreżentati mill-ENGOS jistgħu jsiru f'kull wieħed mill-pajjiżi ta' l-imsieħba involuti fil-proġett.